

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 132

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

29 ta' Mejju 2009

Werrej

I Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2009 tat-28 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix	1
★ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 446/2009 tal-14 ta' Mejju 2009 rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda	3
★ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda	5
Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2009 tat-28 ta' Mejju 2009 li jstipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni, li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota	7

II Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill

2009/407/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013) 8

2009/408/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba 10

Il-Kunsill

2009/409/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009 li tistabbilixxi, konformement mal-Artikolu 104(8) tat-Trattat, jekk itteħditx azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 taħt l-Artikolu 104(7) 11

2009/410/Euratom:

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-adozzjoni ta' programm supplimentari ta' riċerka li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika 13

Il-Kummissjoni

2009/411/KE:

- ★ Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi (notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3934) ⁽¹⁾ 16



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 445/2009

tat-28 ta' Mejju 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u
ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNEX

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	78,8
	MA	72,7
	MK	47,9
	TN	105,3
	TR	56,5
	ZZ	72,2
0707 00 05	JO	151,2
	MK	32,6
	TR	115,1
	ZZ	99,6
0709 90 70	JO	216,7
	TR	117,7
	ZZ	167,2
0805 10 20	EG	43,8
	IL	55,6
	MA	42,9
	TN	108,2
	TR	67,5
	US	43,9
	ZA	63,5
ZZ	60,8	
0805 50 10	AR	59,5
	TR	52,1
	ZA	57,6
	ZZ	56,4
0808 10 80	AR	68,0
	BR	80,4
	CL	79,8
	CN	73,6
	NZ	104,4
	US	102,8
	UY	71,7
	ZA	84,6
ZZ	83,2	
0809 20 95	US	272,9
	ZZ	272,9

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 446/2009**tal-14 ta' Meju 2009****rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati ma' kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali għadu ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat miċ-Ċermen tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhix skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għall-perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 14 ta' Meju 2009.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Karawett mingħajr il-qoxra ta' barra u ta' ġewwa (karawett ibblanċjat).</p> <p>Il-karawett imqaxxar jiġi bblanċjat billi jgħaddi minn forn tal-gass b'erba' żoni ta' sħana, fejn il-qlub jinstamtu permezz ta' fwar jaħraq bejn 88 u 93 °C, qabel ma' jgħaddu minn żewġ żoni ta' tkessieħ.</p> <p>Permezz taż-żjieda fit-temperatura l-qlub jintefħu u b'hekk jillaxkaw il-qoxra l-ħamra minn mal-qalba. Il-qoxra imbagħad titneħħa b'mezzi mekkaniċi.</p> <p>Il-karawett, li ma jkunux ittrattati iktar mit-tneħħija tal-qoxra, huma ppreżentati bl-ingrossa jew f"boroż kbar" ta' madwar 1 000 kg.</p>	1202 20 00	<p>Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċi tan-NM 1202 u 1202 20 00.</p> <p>L-ibblanċjar tal-karawett għandu jitqies bħala trattament intiż l-aktar biex ineħħi l-qoxra l-ħamra minn mal-qalba u għaldaqstant iħaffef l-użu tagħhom. Dan it-trattament ma jibdix il-karattru tal-karawett bħala prodotti naturali u ma jagħmilhomx adattati għal użu speċifiku iktar milli għal użu ġenerali (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata ma' Kapitolu 12, Ġenerali, it-tieni paragrafu).</p> <p>Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 1202.</p>

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 447/2009

tas-27 ta' Mejju 2009

rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe sottodivizjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati ma' kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanzija msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella li tinsab fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmija fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni li informazzjoni tariffarja li torbot u li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri rigward il-klassifika tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda imma li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tkompli tiġi invokata mid-detentur għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ⁽²⁾.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

L-Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Ġulepp taz-zokkor invers li jikkonsisti fi (% tal-piż):</p> <p>— zokkor (espress bħala sukrożju) 66,5</p> <p>— ilma 31</p> <p>— propylene glycol 2,5</p> <p>Dan il-prodott jintuża <i>inter alia</i> fl-industrija tat-tabakk bħala sustanza umidifikanti u hu offrut bl-ingrossa.</p>	1702 90 95	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kodiċijiet NM 1702, 1702 90 u 1702 90 95.</p> <p>Iż-żieda tal-propylene glycol fl-ammont mogħti ma jbidilx il-karattru tal-prodott b'tali mod li jiġi kkunsidrat bħala prodott kimiku tal-intestatura 3824.</p> <p>Il-prodott għandu l-karattru ta' ġulepp taz-zokkor tal-intestatura 1702.</p>

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 448/2009

tat-28 ta' Mejju 2009

li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni, li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ ma' pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7e flimkien mal-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 61, l-ewwel subparagrafu, il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, iz-zokkor prodott matul is-sena tas-suq u bi qbiż tal-kwota msemmija fl-Artikolu 56 ta' dak ir-Regolament jista' jiġi esportat biss fil-limitu kwantitattiv stipulat mill-Kummissjoni.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 274/2009 tat-2 ta' April 2009 li jiffissa l-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u l-isoglukożju lil hinn mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2009/2010 ⁽³⁾ jistipula l-limiti msemmija hawn fuq. Dan ir-Regolament japplika biss mill-1 ta' Ottubru 2009 u għalhekk il-limitu kwantitattiv għall-esportazzjonijiet taz-zokkor u l-isoglukożju 'il barra mill-kwota sa tmiem is-sena tas-suq 2009/2010 ser jibda jgħodd biss minn din id-data.

- (3) Għas-sena tas-suq 2009/2010 għandu għalhekk jiġi stipulat perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' zero għall-kwantitajiet li l-applikazzjoni għalihom saret bejn it-18 ta' Mejju 2009 u t-22 ta' Mejju 2009 u t-tressiq tal-applikazzjoniet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor għandu jieqaf. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-applikazzjonijiet kollha għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor li tressqu fil-25, 26, 27, 28 u 29 ta' Mejju 2009 għandhom għalhekk jiġu rrifjutati.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-liċenzji tal-esportazzjoni 'il barra mill-kwota taz-zokkor li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu bejn it-18 ta' Mejju 2009 u t-22 ta' Mejju 2009, għandhom jinħarġulhom il-liċenzji għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 0 %.

2. Għas-sena tas-suq 2009/2010 l-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li tressqu fil-25, 26, 27, 28 u 29 ta' Mejju 2009 qiegħdin jiġu rrifjutati.

3. Għas-sena tas-suq 2009/2010 t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota għandu jieqaf għall-perjodu bejn 1 ta' Ġunju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 91, 3.4.2009, p. 16.

II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW U IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2009

li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013)

(2009/407/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL tal-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Punti 21, 22, l-ewwel u t-tieni paragrafi, u 23 tagħha,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tat-trilogu tat-2 ta' April 2009 l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar l-iffinanzjar, fil-qafas tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku għall-modernizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-solidarjetà fl-enerġija, ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija u l-Internet broadband, kif ukoll għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet relatati mal-"isfidi ġodda" ddefiniti fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riforma ta' nofs iż-żmien tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni ("Il-Kontroll tas-Saħħa"). L-iffinanzjar jeħtieġ, bħala l-ewwel pass, li ssir reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013 skont il-Punti 21, 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali, sabiex l-ogħla limitu għas-sena 2009 għall-approprijazzjonijiet għall-impenji taħt is-sotto-intestatura 1a jitgħolla b'ammont ta' EUR 2 000 000 000 bil-prezzijiet attwali.

- (2) Iż-żieda fl-ogħla limitu tas-sotto-intestatura 1a se tkun ibbilanċjata totalment bit-tnaqqis tal-ogħla limitu għall-approprijazzjonijiet għall-impenji taħt l-intestatura 2 għas-sena 2009 bl-ammont ta' EUR 2 000 000 000.
- (3) Sabiex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet, il-limiti massimi annwali għall-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet ser jiġu aġġustati. L-aġġustament ser ikun newtrali.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod għalhekk għandha tiġi emendata ⁽²⁾,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdani

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Strasburgu, 6 ta' Mejju 2009.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill
Il-President
J. KOHOUT

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ Għal dak il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehim msemija hawn fuq huma maqluba għall-prezzijiet tal-2004.

Qafas finanzjarju 2007-2013 rivedut għal pjan ewropew ta' rkupru ekonomiku (prezzijiet kostanti 2004)

(miljuni ta' EUR – prezzijiet kostanti 2004)

Appropriazzjonijiet ta' impenn	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
1. Tkabbir Sostenibbli	50 865	53 262	55 883	54 860	55 400	56 866	58 256	385 392
1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi	8 404	9 595	12 021	11 000	11 306	12 122	12 914	77 362
1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi	42 461	43 667	43 862	43 860	44 094	44 744	45 342	308 030
2. Preservazzjoni u Mmaniġġjar tar-Riżorsi Naturali	51 962	54 685	52 205	53 379	52 528	51 901	51 284	367 944
li minnhom: nfiq marbut mas-suq u ħlasijiet diretti	43 120	42 697	42 279	41 864	41 453	41 047	40 645	293 105
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 199	1 258	1 380	1 503	1 645	1 797	1 988	10 770
3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	600	690	790	910	1 050	1 200	1 390	6 630
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	598	4 140
4. L-UE bħala attur globali	6 199	6 469	6 739	7 009	7 339	7 679	8 029	49 463
5. Amministrazzjoni ⁽¹⁾	6 633	6 818	6 973	7 111	7 255	7 400	7 610	49 800
6. Kumpensi	419	191	190					800
Appropriazzjonijiet ta' impenn totali	117 277	122 683	123 370	123 862	124 167	125 643	127 167	864 169
bħala persentaġġ tal-GNI	1,08 %	1,09 %	1,07 %	1,05 %	1,03 %	1,02 %	1,01 %	1,048 %
Appropriazzjonijiet ta' ħlas totali	115 142	119 805	110 439	119 126	116 552	120 145	119 391	820 600
bħala persentaġġ tal-GNI	1,06 %	1,06 %	0,96 %	1,01 %	0,97 %	0,98 %	0,95 %	1,00 %
Marġni disponibbli	0,18 %	0,18 %	0,28 %	0,23 %	0,27 %	0,26 %	0,29 %	0,24 %
Limitu Massimu ta' Riżorsi Proprii bħala persentaġġ tal-GNII	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %	1,24 %

(¹) In-nefqa għall-pensjonijiet inklużi fil-limitu massimu għal din l-intestatura hija kkalkulata b'mod nett wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tal-istaff għall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' EUR 500 miljun bil-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Mejju 2009

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba

(2009/408/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,
wara li kkunsidraw t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,
wara li kkunsidraw il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-punt 28 tagħha,
wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,
wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-"Fond") twaqqaf sabiex jagħti appoġġ akbar lill-ħaddiema li jkunu baww il-konsegwensi ta' bidliet strutturali kbar fil-mod ta' kif isir il-kummerċ dinji kif ukoll biex jassisti l-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond fi ħdan il-limitu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) Spanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, fir-rigward tas-sensji fis-settur tal-vetturi, fid-29 ta' Diċembru 2008. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex tuża l-ammont ta' EUR 2 694 300.

- (4) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-ammont ta' EUR 690 000 mill-Fond għall-assistenza teknika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
- (5) Għalhekk, il-Fond għandu jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni li Spanja ressqet kif ukoll biex jindirizza l-ħtieġa għal assistenza teknika,

IDDEĊIDEW DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 3 384 300 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Strasburgu, is-6 ta' Mejju 2009.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill

Il-President

J. KOHOUT

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' April 2009

li tistabilixxi, konformement mal-Artikolu 104(8) tat-Trattat, jekk itteħditx azzjoni effettiva mir-Renju Unit b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 taħt l-Artikolu 104(7)

(2009/409/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv⁽²⁾, li kien adottat sabiex jgħin il-korrezzjoni fil-pront tal-iżbilanċi eċċessivi tal-gvern ġenerali.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 104(8) tiegħu,

- (4) Ir-riforma tal-2005 tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir fittxet li ssaħħaħ l-effettività u l-bażi ekonomika tiegħu kif ukoll li tħares is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi fit-tul. Hija kellha l-mira li tiżgura li b'mod partikolari l-isfond ekonomiku u baġitarju ikun tqies għal kollox fil-passi kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir jipprovdni l-qafas li jappoġġja l-politiki tal-gvern għal ritorn malajr għal pożizzjonijiet baġitarji sodi meta titqies il-qagħda ekonomika.

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni 2008/713/KE tat-8 ta' Lulju 2008⁽³⁾, il-Kunsill iddeċieda, taħt l-Artikolu 104(6), li kien hemm żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit.

(1) Skont l-Artikolu 104 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern.

- (6) Skont l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, tat-8 ta' Lulju 2008 l-Kunsill, fuq il-bażi wkoll ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adottata rakkomandazzjoni⁽⁴⁾ lill-awtoritajiet tar-Renju Unit fejn sejħilhom biex iġibu fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' żbilanċ eċċessiv mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mis-sena finanzjarja 2009/10, billi jniżżlu l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali taħt it-3 % tal-PGD b'mod kredibbli u sostenibbli. Għal dak l-għan, il-Kunsill irrakkomanda lill-awtoritajiet sabiex jiżguraw titjib strutturali ta' mill-inqas 0,5 % tal-PGD fl-2009/10 u stabilixxa d-data ta' skadenza tat-8 ta' Jannar 2008 biex il-gvern tar-Renju Unit jieħu azzjoni effettiva.

(2) Skont il-punt 5 tal-Protokoll dwar ċerti dispożizzjonijiet relatati mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, l-obbligu fl-Artikolu 104(1) tat-Trattat biex jiġu evitati żbilanċi tal-gvern ġenerali eċċessivi ma japplikax għar-Renju Unit sakemm ma jgħaddix għat-tielet pass ta' unjoni ekonomika u monetarja⁽¹⁾. Waqt li jkun fit-tieni stadju ta' unjoni ekonomika u monetarja, ir-Renju Unit huwa mitlub jipprova jevita żbilanċi eċċessivi, skont l-Artikolu 116(4) tat-Trattat.

(3) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir huwa bbażat fuq l-għan ta' finazi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għal stabilità tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi. Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffet u li

- (7) Il-valutazzjoni tal-azzjoni meħuda mir-Renju Unit biex tikkoreġi l-iżbilanċ eċċessiv sal-2009/10 b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill taħt l-Artikolu 104(7) twassal għal dawn il-konklużjonijiet:

⁽¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:12006E/PRO/25:MT:HTML>

⁽²⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 238, 5.9.2008, p. 5.

⁽⁴⁾ http://ec.europa.eu/economy_finance/publications/publicatio-12926_en.pdf

- (a) wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 104(7) f'Lulju 2008, l-awtoritajiet tar-Renju Unit ħabbru miżuri diskrezzjonali addizzjonali li jżidu l-iżbilanċ. Fis-16 ta' Lulju 2008, il-gvern ħabbar il-posponiment taż-żieda marbuta mal-inflazzjoni fid-dazju tas-sisa fuq il-fjuwil li kien se jseħħ f'Ottubru 2008, bi spiża stmata ta' 0,05 % tal-PGD fi dħul mitluf fl-2008/09. Miżuri addizzjonali li jnaqqsu l-iżbilanċ, ekwivalenti għal 0,1 % tal-PGD fl-2009/10, ġew introdotti f'Settembru 2008, inkluż permezz ta' nfiq ogħla fuq id-djar;
- (b) fl-24 ta' Novembru 2008, il-gvern ippreżenta r-Rapport tiegħu ta' Qabel il-Baġit 2008 (RQB). Minħabba parzjalment is-segwitu negattiv qawwi mhux mistenni mill-kriżi finanzjarja globali li tfaċċat mill-ħarifa 2007 'il qudiem, ir-RQB ippreżenta revizzjoni netta 'l isfel għat-tbassir makroekonomiku għall-medda taż-żmien medja f'dan il-kuntest makroekonomiku, il-gvern ħabbar iktar laxkar fiskali diskrezzjonali bil-mira li tiġi appoġġjata l-ekonomija, ta' madwar ½ % tal-PGD fl-2008/09 u 1,0 % tal-PGD fl-2009/10. Il-miżuri inkludew tnaqqis temporanju fir-rata standard ta' VAT, li tammonta għal madwar nofs l-istimolu, u l-antiċipazzjoni tal-infiq f'investiment;
- (c) kumplessivament, il-miżuri ta' stimolu kienu konformi ma' dawk previsti mill-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (PREE) li kien maqbul mill-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2008.
- (d) It-tbassir makroekonomiku u fiskali fl-aġġornament tal-2008 tal-programm ta' konverġenza tar-Renju Unit, ippreżentat lill-Kummissjoni fit-18 ta' Diċembru 2008, kien identiku għal dawk fir-RQB 2008 u bassar żieda ulterjuri fil-proporzjon tal-iżbilanċ fl-2009/10 għal 8,2 % tal-PGD. Il-parti ikbar tad-deterjorament imbassar fil-finanzi pubbliċi fl-2009/10 matul is-sena preċedenti tirrifletti żewġ fatturi parzjalment interkonnessi: l-ewwel nett, il-kontrazzjoni kumplessiva tal-PGD; u t-tieni, it-telf qawwi fi dħul mit-taxxa minn żewġ sorsi li sa dal-punt kienu ewlenin, is-settur finanzjarju u s-suq tad-djar. Madankollu, madwar terz taż-żieda fl-iżbilanċ fl-2009/10 mbassra fil-programm tirrifletti l-miżuri ta' stimolu fiskali adottati;
- (e) l-aġġornament tal-programm ta' konverġenza tal-2008 jbassar proporzjon ta' dejn tal-gvern fl-2009/10 ta' madwar 60 % tal-PGD, ogħla sew mill-proporzjon ta' dejn ta' kważi 46 % li kien imbassar mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'Marzu 2008;
- (f) it-tbassir interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009 jipprevedi żbilanċ fl-2009/10 ta' 9½ % tal-PGD, 1¼ pp. ogħla mill-programm ta' konverġenza, primarjament minħabba l-kuntest ekonomiku makroekonomiku sinifikament agħar previst fit-tbassir interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009, bil-livell ta' PGD nominali ta' madwar 5 % iktar baxx. Sadanittant, id-dejta tal-finanzi pubbliċi li kienu ppubblikati wara t-tbassir interim tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' Jannar 2009 tindika li r-riżultat għall-finanzi pubbliċi fl-2008/09 x'aktarx li jkun agħar milli mistenni.
- (8) Dan iwassal għall-konklużjoni li, f'kuntest ta' kundizzjonijiet ekonomiċi li qegħdin progressivament jeħżienu, l-awtoritajiet tar-Renju Unit sa minn Lulju 2008 implimentaw miżuri diskrezzjonali addizzjonali li jżidu l-iżbilanċ b'konformità mal-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew (PREE). L-effetti kombinati tat-tnaqqis ekonomiku qawwi u l-miżuri ta' stimolu adottati mill-awtoritajiet tar-Renju Unit wasslu għad-deterjorament sostanzjali fit-tbassir tal-pożizzjoni baġitarja għall-2009/10,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Renju Unit ma ħax azzjoni b'reazzjoni għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 fi ħdan il-perjodu stipulat f'dik ir-Rakkomandazzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fil-Lussemburgu, 27 ta' April 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VONDRÁ

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2009

dwar l-adozzjoni ta' programm supplimentari ta' riċerka li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

(2009/410/Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

jitħaddem taħt dan il-programm supplimentari ta' riċerka sal-2011.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

- (5) Minħabba l-interess partikolari tagħhom li l-HFR jibqa' jitħaddem, il-Belġju, Franza u l-Olanda għandhom, hekk kif indikaw, jiffinanzjaw dan il-programm permezz ta' kontributi finanzjarji għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea bħala dħul assenjat.

Wara li kkunsidra l-Proposta mill-Kummissjoni ppreżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

- (6) Parti mill-kontributi taħt dan il-programm supplimentari għandhom ikopru wkoll in-nefqa li saret matul is-sena 2008,

Billi:

- (1) Fil-qafas taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, ir-reattur ta' fluss għoli li hemm f'Petten (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "HFR"), kien, u ser jibqa' għal xi żmien, mezz importanti disponibbli għall-Komunità sabiex tagħti kontribut għax-xjenzi u għall-ittestjar tal-materjali, għall-mediċina nukleari u għar-riċerka dwar is-sikurezza fil-qasam tal-enerġija nukleari.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-programm supplimentari ta' riċerka dwar it-tħaddim tar-reattur ta' fluss għoli li hemm f'Petten (HFR), (minn hawn 'il quddiem "il-programm"), li l-objettivi tiegħu huma stabbiliti fl-Anness I, huwa adottat għal perjodu ta' tliet snin, li jibda mill-1 ta' Jannar 2009.

- (2) It-tħaddim tal-HFR kien appoġġat minn serje ta' programmi supplimentari ta' riċerka, l-aħħar wieħed fosthom, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/773/Euratom tas-26 ta' Novembru 2007 dwar estensjoni ta' sena għall-programm supplimentari ta' riċerka li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁽¹⁾ skada fil-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 2

Il-kontribut finanzjarju stmat li hu meħtieġ biex jitwettaq il-programm jammonta għal EUR 34,992 miljun. Dan l-ammont huwa maqsum kif stabbilit fl-Anness II. Dan il-kontribut għandu jitqies bħala dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁽²⁾.

- (3) It-tħaddim tal-HFR kompli matul l-2008 mingħajr programm supplimentari ta' riċerka, filwaqt li saru sforzi sabiex it-tħaddim u l-isfruttar tiegħu jkunu bbażati fuq reġim legali awtonomu u li jservi għal perijodu ta' żmien itwal. Peress li daww l-isforzi f'leww, jeħtieġ li jkun previst appoġġ finanzjarju kontinwu taħt programm supplimentari ta' riċerka ġdid.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm. Għal dan il-għan, hija għandha tirrikorri għas-servizzi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jinżamm infurmat bl-implimentazzjoni tal-programm.

- (4) Minħabba l-ħtieġa kontinwa tal-HFR bħala infrastruttura li ma tistax tiġi sostitwita għar-riċerka Komunitarja fl-oqsmha tat-titjib tas-sikurezza tar-reatturi nukleari eżistenti, tas-saħħa inkluż l-iżvilupp ta' iżotopi mediċi sabiex jitwieġbu mistoqsijiet ta' riċerka medika, tal-fużjoni nukleari, tar-riċerka fundamentali u tat-taħriġ u l-ġestjoni tal-iskart inkluża l-possibbiltà li tiġi studjata l-imġiba tas-sikurezza tal-karburanti nukleari għall-ġenerazzjoni l-ġdida tas-sistemi ta' reatturi, dan għandu jkompli

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha kull sena, qabel il-15 ta' Settembru, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 312, 30.11.2007, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magmula fi Brussell, il-25 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ŠEBESTA

ANNEX I

OBJETTIVI XJENTIFIĊI U TEKNIĊI

L-objettivi prinċipali ta' dan il-programm huma dawn li ġejjin:

- (1) Li jkun żgurat it-tħaddim sikur u affidabbli tar-reattur ta' fluss għoli li hemm f'Petten (HFR), sabiex tkun garantita d-disponibbiltà tal-fluss tan-newtroni għall-finijiet ta' esperimenti.
- (2) Li jitħalla jsir użu effiċjenti tal-HFR mill-istituti tar-riċerka ffirxa wiesgħa ta' dixxiplini: it-titjib tas-sikurezza tar-reatturi nukleari eżistenti, is-saħħa inkluż l-iżvilupp ta' iżotopi mediċi sabiex jitwiegħbu mistoqsijiet ta' riċerka medika, il-fużjoni nukleari, ir-riċerka fundamentali u t-taħriġ u l-ġestjoni tal-iskart inkluża l-possibbiltà li tiġi studjata l-imġiba tas-sikurezza tal-karburanti nukleari għall-ġenerazzjoni l-ġdida tas-sistemi tar-reatturi.

ANNEX II

TAQSIM TAL-KONTRIBUTI

Il-kontributi għall-programm ġejjin mill-Belġju, Franza u l-Olanda.

Dawn il-kontributi huma maqsuma kif ġej:

Il-Belġju: EUR 1,2 miljun

Franza: EUR 0,9 miljun

L-Olanda: EUR 32,892 miljun

Total: EUR 34,992 miljun.

Dawk il-kontributi għandhom isiru għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u għandhom jiġu assenjati għal dan il-programm. Parti mill-kontributi taħt dan il-programm supplimentari jistgħu jkopru wkoll in-nefqa li saret għat-tħaddim tal-HFR matul is-sena 2008 f'konformità mal-programm ta' ħidma li ser jiġi maqbul fost il-pajjiżi li qegħdin jikkontribwixxu u l-Kummissjoni.

Dawk il-kontributi huma fissi u ma jistgħux jiġu riveduti fir-rigward tal-varjazzjonijiet fl-ispejjeż tat-tħaddim u l-manutenzjoni.

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Mejju 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2004/452/KE li tfassal elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jistgħu jkollhom aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3934)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/411/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-istatistika Komunitarja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, rigward fakoltà ta' użu ta' dejta kunfidenzjali għal skopijiet xjentifiċi ⁽²⁾, biex wieħed ikun jista' jaasal għal konklużjonijiet ta' statistika għal skopijiet xjentifiċi, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom jista' jingħata aċċess għal dejta kunfidenzjali mgħoddija lill-awtorità tal-Komunità kif ukoll ir-regoli ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Komunità u l-awtoritajiet nazzjonali biex ikun iffaċilitat dan l-aċċess.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/452/KE ⁽³⁾ fasslet elenku ta' entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista' jkollhom aċċess għal dejta kunfidenzjali għall-għanijiet xjentifiċi.
- (3) L-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Finlandja (Kansaneläkelaitos – KELA), il-Finlandja, l-Università Ebraja ta' Ġerusalem (HUJI - Hebrew University of Jeru-

salem), l-Iżrael u s-Servizz Pubbliku Federali tas-Sigurtà Soċjali, il-Belġju għandhom jitqiesu bħala korpi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħteġa u għandhom għalhekk jidiedu mal-elenu ta' aġenziji, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (KE) Nru 831/2002.

- (4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità tal-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/452/KE qed jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 156, 30.4.2004, p. 1, kif ikkoreġut mill-ĠU L 202, 7.6.2004, p. 1.

ANNEX

"ANNEX

Entitajiet li r-riċerkaturi tagħhom jista' jkollhom aċċess għal dejta kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi

Il-Bank Ċentrali Ewropew

Il-Bank Ċentrali Spanjol

Il-Bank Ċentrali Taljan

L-Università ta' Cornell (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Id-Dipartiment tax-Xjenza Politika, Baruch College, l-Università tal-Belt ta' New York (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Il-Bank Ċentrali Ġermaniż

L-Unità tal-Analiżi tal-Impjiegi, id-Direttorat Ġenerali għall-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaqs tal-Kummissjoni Ewropea

L-Università ta' Tel Aviv (l-Iżrael)

Il-Bank Dinji

Iċ-Ċentru tas-Saħħa u l-Benesseri (CHW — Centre of Health and Wellbeing) tal-Iskola Woodrow Wilson tal-Affarijiet Pubbliċi u Internazzjonali fl-Università ta' Princeton, New Jersey, l-Istati Uniti tal-Amerika

L-Università ta' Chicago (UofC — University of Chicago), Illinois, l-Istati Uniti tal-Amerika

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

It-Taqsima tal-Istatistika tal-Istudji tal-Familja u x-Xogħol tal-Kanada, Ottawa, Ontario, il-Kanada

L-Unità tal-Ekonometrika u l-Appoġġ Statistiku Kontra l-Frodi (ESAF), id-Direttorat Ġenerali għaċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea

L-Unità tal-Appoġġ għaċ-Żona Ewropea ta' Riċerka (SERA — Support to the European Research Area), id-Direttorat Ġenerali għaċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Katedra tar-Riċerka tal-Kanada tal-Iskola tax-Xjenza Soċjali fil-Fakultà ta' Atkinson għall-Istudji Liberali u Professjonali fl-Università ta' York, l-Ontario, il-Kanada

L-Università ta' Illinois f'Chicago (UIC), Chicago, l-Istati Uniti tal-Amerika

Rady School of Management fl-Università ta' California, San Diego, l-Istati Uniti tal-Amerika

Id-Direttorat għar-Riċerka, l-Istudji u l-Istatistika (*Direction de l'Animation de la Recherche, des Études et des Statistiques — DARES*) fil-Ministeru tax-Xogħol, ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol u s-Solidarjetà, Pariġi, Franza

Il-Fondazzjoni ta' Riċerka tal-Università tal-Istat ta' New York (RFSUNY — Research Foundation of State University of New York), Albany, l-Istati Uniti tal-Amerika

Iċ-Ċentru Finlandiż għall-Pensjonijiet, (*Eläketurvakeskus – ETK*), il-FinlandjaId-Direttorat għar-Riċerka, l-Istudji, l-Evalwazzjoni u l-Istatistika (*Direction de la Recherche, des Études, de l'Évaluation et des Statistiques — DREES*) fil-Ministeru tax-Xogħol, id-djalogu soċjali u s-solidarjetà, il-Ministeru tas-Saħħa, iż-żgħażaġh u l-isport u l-Ministeru tal-Baġit, il-kontijiet pubbliċi u r-riforma tal-istat, Pariġi, Franza

L-Università ta' Duke (DUKE), North Carolina, l-Istati Uniti tal-Amerika

L-Istituzzjoni tal-Assigurazzjoni Soċjali tal-Finlandja (*Kansaneläkelaitos – KELA*), il-Finlandja

L-Università Lhudija ta' Ġerusalem (HUJI — Hebrew University of Jerusalem), l-Iżrael

Is-Servizz Pubbliku Federali tas-Sigurtà Soċjali, il-Belġju"

III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL COPPS/1/2009

tas-27 ta' Mejju 2009

dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

(2009/412/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

strategjika tal-Missjoni, għandu jqis il-fehmiet tal-Kumitat ta' Kontributori,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK tal-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tagħha,

Artikolu 1

Stabbiliment

Kumitat ta' Kontributori (KtK) għall-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan stabbilit.

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 12(3) tal-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjoni rilevanti dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributori għal EUPOL COPPS.

Artikolu 2

Funzjonijiet

1. Il-KtK jista' jesprimi fehmiet. Il-KPS għandu jqis tali fehmiet u jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni.

(2) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Göteborg tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 stabbilew prinċipji ta' gwida u modalitajiet għall-kontributi ta' Stati terzi lill-Missjonijiet tal-Pulizija. Fl-10 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill approva d-dokument intitolat "Konsultazzjonijiet u modalitajiet għall-kontribut ta' Stati mhux fl-UE lill-operazzjonijiet ċivili tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet", li żviluppaw aktar l-arranġamenti għall-parteċipazzjoni ta' Stati terzi f'operazzjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet, inkluż l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Kontributori.

2. It-termini ta' referenza tal-KtK huma stabbiliti fid-dokument intitolat "Konsultazzjonijiet u modalitajiet għall-kontribut ta' Stati mhux fl-UE lill-operazzjonijiet ċivili tal-UE ta' maniġġar ta' kriżijiet".

Artikolu 3

Kompożizzjoni

(3) Il-Kumitat ta' Kontributori għal EUPOL COPPS għandu jkollu rwol ċentrali fil-ġestjoni ta' kuljum tal-Missjoni. Huwa għandu jkun il-forum prinċipali biex jiġu diskussi l-problemi kollha relatati mal-ġestjoni ta' kuljum tal-Missjoni. Il-KPS, li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni

1. L-Istati Membri kollha tal-UE għandhom ikunu intitolati li jkunu preżenti waqt id-diskussjonijiet tal-KtK. Madankollu, l-Istati kontribwenti biss għandhom jieħdu sehem fil-ġestjoni ta' kuljum tal-Missjoni. Ir-rappreżentanti tal-Istati terzi li qed jipparteċipaw fil-Missjoni jistgħu jattendu għal-laqgħat tal-KtK. Rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea jista' wkoll jattendi għal-laqgħat tal-KtK.

⁽¹⁾ ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 13-17.

2. Il-KtK għandu jirċievi informazzjoni fuq bażi regolari mill-Kap tal-Missjoni.

Artikolu 4

Presidenza

Għal EUPOL COPPS, il-KtK għandu jkun presjedut, skont it-termini ta' referenza msemmijin fl-Artikolu 2(2), minn rappreżentant tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Presidenza.

Artikolu 5

Laqgħat

1. Il-KtK għandu jitlaqqa' mill-President fuq bażi regolari. Fejn jeħtieġu ċ-ċirkostanzi, jistgħu jitlaqqgħu laqgħat ta' emerġenza fuq l-inizjattiva tal-President jew fuq it-talba ta' rappreżentat ta' Stat parteċipanti.

2. Il-President għandu jiċċirkola minn qabel aġenda proviżorja u dokumenti relatati mal-laqgħa. Il-President għandu jkun responsabbli biex iwassal l-eżitu tad-diskussjonijiet tal-KtK lill-KPS.

Artikolu 6

Kunfidenzjalità

1. Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 ⁽¹⁾, ir-regolamenti ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom japplikaw għal-laqgħat u l-proċedimenti tal-KtK. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti fil-KtK għandhom ikunu fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' sigurtà adegwata.

2. Id-deliberazzjonijiet tal-KtK għandhom ikunu koperti mill-obbligu ta' segretezza professjonali.

Artikolu 7

Dħul b'effett

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2009

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

I. ŠRÁMEK

⁽¹⁾ ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ DEĊIŻJONI ATALANTA/4/2009**tas-27 ta' Mejju 2009**

dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2009/413/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ⁽¹⁾ (Atalanta), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK il-Viċi-Ammirall Philip Johns inħatar bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.
- (2) Skont l-Artikolu 6 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.
- (3) Ir-Renju Unit ħabbar id-disponibbiltà tal-Viċi-Ammirall Peter HUDSON biex jissostitwixxi lill-Viċi-Ammirall Philip JOHNS bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(4) Il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkoman-dazzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Peter HUDSON huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fit-3 ta' Ġunju 2009.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2009.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

I. ŠRÁMEK

⁽¹⁾ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

2009/412/PESK:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPOL COPPS/1/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)** 18

2009/413/PESK:

- ★ **Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Deċiżjoni ATALANTA/4/2009 tas-27 ta' Mejju 2009 dwar il-ħatra ta' Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)** 20



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>